MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-12 ta' April, 2011

Citazzjoni Numru. 189/2010

Kawza fil-lista: 34

**B A f' isimha proprju,**
**u bhala kuratrici ad litem tal-minuri D C**
**vs**
**E C, F G**
**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet: li fit-2 ta' Marzu 2010 hija weldet it-tifel D li gie koncepit f' relazzjoni li hi kellha mal-konvenut F G; li fl-att tat-twelid numru 985/2010 il-minuri gie registrat bhala l-wild tal-konvenut E C, mentri fil-fatt huwa il-wild naturali tal-konvenut F G; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti [1][2] tiddikjara li l-missier naturali tat-tifel D mhuwiex il-konvenut E C, izda l-konvenut F G; [3] li jsiru d-debiti

korrezzjonijiet fl-imsemmi att tat-twelid tal-minuri; [4] li l-kunjom tal-minuri jigi registrat bhala ‘G’; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru pubbliku, li fiha rrefera ghad-dispozizzjonijiet ta’ l-artikoli 77 u 81 tal-Kap.16, filwaqt li oggezzjoni li jigi soggettat ghal xi spejjez tal-proceduri odjerni;

Rat in-nota li biha l-konvenut F G ammetta t-talbiet attrici;

Rat in-nota li biha l-konvenut E C ammetta t-talbiet attrici;

Rat l-avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat mill-Analista Christopher Farrugia u l-Ispizjara Dottoressa Marisa Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel D li hi weldet fit-2 ta’ Marzu 2010 mhuwiex il-wild naturali ta’ zewgha l-konvenut E C, izda hu l-wild naturali u bijologiku tal-konvenut F G.

Illi l-attrici tghid li hi waqfet ikollha relazzjonijiet intimi ma’ zewgha f’ Marzu 2008 meta dawn isseparaw *de facto*. Sussegwentement dahlet f’ relazzjoni mal-konvenut F G, u minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri D.

Illi r-rizultanzi tat-testijiet xjentifici jikkonfermaw xjentifikament it-tezi attrici.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici; u tiddikjara li t-tifel D imwieled mill-attrici fit-2 ta’ Marzu 2010

mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut E C, izda huwa l-wild naturali tal-konvenut F G; tordna li jsiru l-korrezzjonijiet fl-att tat-twelid tal-minuri fit-termini tat-tielet talba.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-attrici f’ isimha proprju, u mill-konvenut F G, konguntivament fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------